**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 431/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Nigel Gatt**

Illum, 24 ta' Frar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Nigel Gatt, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 163188(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Jannar 2021 għall-ħabta ta' 22:32hrs fi Triq il-Kosta, Naxxar:

(1) Saq vettura Nru. KQZ 554 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;
(2) Saq vettura Nru. KQZ 554 mingħajr ma kienet illiċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f' Malta biex tintuża fit-triq;
(3) Saq vettura Nru. KQZ 554 u naqas li jara li jkollu l-liċenzja tal-vettura mwaħħla fuq ix-xellug tal-windscreen;
(4) Kif ukoll f'dawn il-gzejjer, naqas li jġedded il-liċenzja tas-sewqan meta kellu l-perijodu tal-validita' ta' l-imsemmija liċenzja skaduta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Ottubru 2022, fejn il-Qorti, għaddiet sabiex tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn u tlieta u sabitu ħati tal-imputazzjoni numru

erbgħa, ai termini tal-Artikolu 44 tal-Liġi Sussidjarja 65.18 u sussegwentement ikkundanatu għal ħlas ta' ammenda ta' €34.94.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi –

(1) Stante n-nullita' tas-sentenza appellata, *ossia* fid-dawl tal-ewwel aggravju elenkat, tħassar l-istess u tirrimanda l-atti lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan sabiex ma jiġix pprivat il-benfiċċju tad-*doppio esame*;
(2) Fl-eventwalita' li t-talba fl-ewwel aggravju ma tiġix akkolta:

    i. Tirriforma s-sentenza appellata billi ssib ħtija fl-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-appellat;
    ii. Tikkonferma s-sentenza f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni fil-konfront tiegħu u ikkundanatu jħallas ammenda ta' €34.94.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat l-aggravji imqajma mill-Avukat Ġenerali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju vventilat mill-Avukat Ġenerali huwa jqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata u dan meta fil-verbal ta' nhar l-4 ta' Ottubru 2022, liema verbal jinkludi d-*deċide* tal-Qorti fejn l-appellat kien illiberat mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, l-istess Qorti għamlet referenza għall-Artikolu 47(7)(ċ) tal-L.S. 368.02, liema artikolu ma jezistix. Fil-fehma ta'l-Avukat

Ġenerali, tali nuqqas jwassal sabiex is-sentenza appellata ma tirrispekjax d-dettami tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-istess għandha tiġi dikjarata nulla.

Illi, l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġi ta' Malta jiddisponi illi "*Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti illi tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*" Fuq kollox-

> ***Meta, pero', ...... mis-sentenza kif redetta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun ġie misjub ħati l-imputat, il-formalizmu m'hemmx postu u għandha tiġi salvata s-sentenza.***[1]

Illi għalhekk jidher ċar li r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fil-kawża jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi **li jitkellmu fuq ir-reat jew ir-reati li dwarhom qed tinstab ħtija**. Dan ifisser illi meta jkun hemm liberatorja ma hemmx għalfejn jkunu indikati dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi li jikkontemplaw dawk ir-reati fejn ma kienx hemm sejbien ta' ħtija dwarhom.

Illi minn ħarsa lejn is-sentenza appellata jirriżulta li d-dettami tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ġew osservati, u dana meta l-parti dispositiva tagħha taqra hekk: –

> **"Tillibera lill-imputat minn imputazzjonijiet numru wieħed (1), tnejn (2) u tlieta (3).**
>
> **Issib lill-imputat ħati ta' imputazzjoni numru erba' (4) – L.S. 65.18, Art. 44"**

Illi huwa indubitat illi l-Ewwel Qorti indikat id-dispost tal-liġi fejn kienet qed issib ħtija fil-konfront tal-appellat, sabiex b'hekk ma tirriżultax in-nullita' lamentata mill-Avukat Ġenerali. Illi fuq kollox ir-referenza għall-artikolu 47(7)(c) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, li l-Avukat Ġenerali jikkontendi huwa l-artikolu tal-liġi żbaljat,

---

[1] "Il-Pulizija vs Emanuel Zammit" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Jannar 1986 & "Il-Pulizija vs Michael Zarb" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 2014.

saret fil-verbal tas-seduta tal-04 ta' Ottubru 2022, liema motivazzjoni imbagħad ma hijiex riprodott fis-sentenza finali li tinsab a fol.30 tal-atti proċesswali. Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, l-ewwel aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali ma jistħoqqlux akkoljiment u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi it-tieni u l-aħħar aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u dan meta jilmenta li mir-riżultanzi proċesswali jeżistu l-provi kollha meħtieġa sabiex jippruvaw il-każ lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni u għalhekk kellha tinstab ħtija fil-konfront tal-appellat anke a rigward l-ewwel tlett imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Illi l-ewwel reat li bih kien mixli l-appellat kien dak ta' sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan u dan meta kien interċettat mill-pulizija nhar it-3 ta' Jannar 2021, fi Triq il-Kosta, Naxxar, isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KQZ-554. L-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat minn dina l-imputazzjoni minħabba nuqqas ta' provi. L-Avukat Ġenerali iżda jikkontendi illi l-Ewwel Qorti malament għaddiet għal libertaorja u dan għaliex mill-affidavit tax-xhud Kenneth Pace, rappreżentant ta' Transport Malta eżebit a fol.18 tal-proċess jirriżulta illi kien hemm dikjarazzjoni mill-appellat fil-25 ta' Frar 2021 illi l-liċenzja tas-sewqan tiegħu kienet mitlufa.

Issa l-imputazzjonijiet jirreferu għal jum tat-03 ta' Jannar 2021. Illi minn riċerka li saret mill-uffiċjali investigattivi PS 1340 A. Bellizzi u PC 1479 L. Pace li waqfu lill-appellat li kien qed isuq vettura tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni KQZ-554, irriżultalhom illi l-liċenzja tas-sewqan tal-appellat kienet skaduta. Imbagħad mill-affidavit ta' Kenneth Pace, rappreżentant ta'l-Awtorita' Transport Malta, jemerġi illi l-liċenzja tas-sewqan tal-appellat kienet revokata għall-ewwel darba minħabba akkumulazzjoni ta' punti fl-14 ta' Frar 2019. Reġgħet kienet revokata għat-tieni darba minħabba l-istess raġuni fit-30 ta' Lulju 2019. Din l-ittra inġabret mill-appellat fil-05 ta' Settembru 2019, bid-dipartiment ta' Transport Malta jibgħat *reminder* fl-04 ta' Ottubru 2019. Imbagħad mid-dokumenti eżebiti jirriżulta illi il-liċenzja tas-sewqan kienet irritornata fil-25 ta' Frar 2021. Ma jidhirx illi fil-perijodu bejn l-04 ta' Ottubru

2019 u il-25 ta' Frar 2021 din il-liċenzja ġiet riattivata tant illi meta saret ir-riċerka mill-uffiċjali investigattivi mal-awtorita ikkonċernata ġew infurmati illi l-liċenzja tas-sewqan kienet skaduta. Issa għalkemm mill-affidavit ta' Kenneth Pace jirriżulta illi l-liċenzja tas-sewqan kienet iddikjarat mitlufa fil-25 ta' Frar 2021, madanakollu, id-Dokument TM8 igħid xort'oħra billi fih hemm dikjarazzjoni illi l-appellat irritorna il-karta tal-liċenzja tas-sewqan minħabba li din kienet revokata minn Transport Malta[2]. Dan ifisser illi l-liċenzja tas-sewqan qatt ma kienet riattivata sabiex b'hekk huwa evidenti illi fil-jum indikat fiċ-ċitazzjoni l-appellat ma kellux liċenzja tas-sewqan. Issa l-artikou 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta ifassal ir-reita' f'kull min isuq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti kellha issib ħtija għal din it-tieni imputazzjoni, tant illi għal xi raġuni imbagħad għaddiet biex issib ħtija ghall-kontravvenzjoni enkapsolata fir-raba imputazzjoni.

Illi mhux biss, iżda l-Ewwel Qorti għaddiet biex tillibera lill-appellat ukoll mit-tieni u t-tielet imputazzjoni meta applikat għal dawn il-liġijiet ir-regolamenti dwar ir-reġistrazzjoni u l-liċenzjar ta' vetturi bil-mutur, liema regolamenti jaqgħu taħt il-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta li iqiegħed fuq sid ta' vettura bil-mutur jew ukoll l-utent reġistrat ta' dik il-vettura, issa wara r-regolamenti introdotti permezz tal-Avviż Legali 265 tal-2022, li jaraw illi għal vettura reġistrata f'isimhom ikun tħallas dritt tal-liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni mill-Awtorita' kompetenti. Illi l-Ewwel Qorti, madanakollu ma qisitx li tista' tirriżulta ir-reita' f'dan il-kaz taħt l-Ordinanza dwar it-Traffiku li allura joħloq obbligi u dmirjiet fuq <u>kull persuna</u> li tagħmel użu ta' vettura fit-triq u dan meta fl-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 hemm stabbilit il-ħtija f'dik il-persuna li ssuq vettura mingħajr ma din ikollha liċenzja valida għat-triq meta hemm hekk dispost:

> "(1**<u>) Kull min</u>** –
>
> **(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan <u>jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza</u>."**

[2] "This is to confirm ta' Mr. Nigel Gatt holder of I.D. card no. 163188M has returned <u>his driving licence card</u> due to revocation Transport Malta Lija."

Dan ifisser illi anke hawnhekk l-Avukat Ġenerali għandu raġun billi huwa ippruvat kemm mill-affidavits ta' PS1340 u PC1479, kif ukoll mid-dokumenti ippreżentati minn rappreżentant ta' Transport Malta Brian Farrugia, illi l-liċenzja tal-vettura li kienet qed tinstaq mill-appellat kienet skadiet f' Novembru 2020 u ġiet imġedda biss fit-28 ta' April 2021. Issa l-Ewwel Qorti għaddiet biex tillibera lill-appellat minn dawn iż-żewġ imputazzjonijiet mhux minħabba nuqqas ta' provi, iżda kif jemerġi mill-verbal tas-seduta tal-04 ta' Ottubru 2022 dan seħħ "***stante illi l-piena applikabbli taqa' taħt l-iskeda tal-pieni tal-art. 47(7)(c)*** **(recte: regolament 44(7)(c))** ***tal-L.S. 368.02, liema skeda tal-pieni inkluz il-piena applikabbli f'dan ir-reat giet dikjarata minn diversi drabi mil-Qorti tal-Appell illi ma humiex enforzabbli stante li ma humiex indikati la bhala kontravenzjonijiet u lanqas bhala reati***."

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti din il-motivazzjoni, li temerġi biss mill-verbal tas-seduta iżda mhux mis-sentenza nnifisha, ma hijiex legalment valida billi kif ingħad kull min isuq vettura fit-triq mingħajr ma din ikollha liċenzja valida huwa ħati ta' reat kif imfassal fl-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. U allura tirriżulta l-ħtija ukoll għat-tieni imputazzjoni.

Illi il-motivazzjoni li wasslet l-Ewwel Qorti biex tillibera lill-appellat mit-tieni imputazzjoni hija l-istess bħal dik li wasslitha għal liberazzjoni mit-tielet imputazzjoni u ċioe' illi nhar it-3 ta' Jannar 2021, fi Triq il-Kosta, Naxxar, l-appellat naqas li jara li jkollu l-liċenzja tal-vettura mwaħħla fuq ix-xellug tal-*windscreen,* u dan kif hemm dispost fir-regolament 17(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. Issa id-diska tal-liċenzja tal-vettura tinħareġ lil-sid jew lill-utent reġistrat meta jitħallas id-drittijiet rilevanti kif indikati fir-Raba Skeda li tinsab mal-Att u ċioe' il-Kapitolu 368, bl-obbligu huwa mqiegħed fuq l-ispalla ta'l-imsemmija persuni li jara li l-vettura jkollha dejjem u f'kull żmien liċenza ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità[3]. Ir-Regolament 17, imbagħad jiddisponi hekk:

[3] Regolament 14(3) tal-L.S. 368.02

**(1) Id-diska tal-liċenza maħruġa fir-rigward ta' vettura għandha tinġarr fil-vettura f'kull ħin li l-vettura tkun qed tiġi użata, ipparkjata jew xort'oħra miżmuma f'xi ħin f'post pubbliku.**

**(2) (a) F'kull vettura mgħammra b'*windscreen* tal-ħġieġ id-diska tal-liċenza għandha titwaħħal fuq in-naħa tax-xellug tal-*windscreen* b'mod li tkun tidher minn quddiem.**

Illi, minn ezami ta' atti proċesswali, għalkemm jirriżulta li kien l-appellat li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni, minn naħa l-oħra mill-provi jemerġi illi l-appellat la kien is-sid tal-vettura u lanqas kien l-utent reġistrat billi kif jidher mid-Dokument eżebit minn Brian Farrugia a fol.13 tal-proċess, is-sid reġistrat ta' din il-vettura kien ċertu Christian Borg ta' Princess Garage, Triq B'Kara, San Giljan bin-numru ta-karta ta'l-identita' 0315493M fejn anke l-assikurazzjoni kienet tħallset minnu b'polza valida sat-30 ta' Novembru 2022. Dan magħdud madanakollu, għalkemm l-Ewwel Qorti għaddiet biex tillibera lill-appellant abbażi tar-regolamenti stabbiliti fil-L.S. 368.02, madanakollu l-artikolu 62 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi is-segwenti:

**62.(1) <u>B'dak kollu li jinsab f'kull liġi oħra</u> li tipprovdi għall-proċess u piena għal reati, meta xi persuna tagħmel xi wieħed mir-reati msemmija fl-ewwel kolonna tat-Tieni Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta'dan l-artikolu.**

Issa t-Tieni Skeda tal-Att jistabilixxi bħala reat kontravvenzjonali kull min isuq vettura b'liċenzja mhux imwaħħla mal-*windscreen*, bil-piena tkun dik ta' ammenda ta' €23.29, b'din il-liġi titkellem fuq kwalunkwe persuna u mhux neċessarjament is-sid jew l-utent reġistrat ta' vettura kif hemm stabbilit fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02., u dan irrispettivament minn dak li jistgħu jipprovdu liġijiet oħra. Dan magħdud, madanakollu billi f'dan il-każ id-diska tal-licenzja kienet imwaħħla mal-*windscreen*, iżda din kienet waħda mhux imġedda, għalkemm jista' jirriżulta reat ieħor, madanakollu ma tistax tirrżulta ir-reita' għal din il-kontravvenzjoni u għalhekk għalkemm għal motivazzjoni differenti, din il-Qorti ser tikkonferma il-liberatorja mit-tielet imputazzjoni.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali parzjalment, tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi –

i) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontrih; u
ii) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tielet imputazzjoni; iżda
iii) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontrih u minflok issibu ħati ta' l-istess, u dan wara li rat tal-Artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta; u
iv) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellat għal hlas ta' ammenda ta' €34.94 u minflok wara li rat l-artikolu 15(1) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannah iħallas multa ta' sitt mitt Ewro (€600.00) kif ukoll tiskwalifikah milli jikseb jew ikollu liċenzja tas-sewqan għal zmien xahrejn, li jibdew jiddekorru mil-lum.

Edwina Grima
Imhallef